# QORTI KOSTITUZZJONALI

**IMĦALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**ONOR. IMĦALLEF ANTHONY ELLUL**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta, 19 ta' Settembru, 2023.**

**Numru 3**

**Rikors numru 321/23/1 GM**

**Muktar Usman, ta' nazzjonalità Niġerjana, immigrant li talab l-ażil, Yusuf Danjuma Usman ta' nazzjonalità Maltija, Charmaine Usman neè Mamo, ta' nazzjonalità Maltija**

**v.**

**L-Aġenzija għall-Protezzjoni Internazzjonali u t-Tribunal tal-Appelli għall-Protezzjoni Internazzjonali**

**Il-Qorti:**

1. Dan huwa appell tar-rikorrenti wara li l-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-kompetenza kostituzzjonali tagħha u permezz ta' digriet interlokutorju, ċaħdet it-talba tar-rikorrenti għall-ħruġ ta' ordni '*interim*' u sussegwentement ċaħdet rikors li permezz tiegħu r-rikorrenti talbu

permess speċjali biex jitressaq appell minn dak id-digriet.

**Daħla**

2. Ir-rikorrenti ressqu azzjoni kostituzzjonali nhar it-13 ta' Ġunju 2013 fejn talbu illi l-Ewwel Qorti ssib leżjoni tad-drittijiet fundamentali tagħhom hekk kif issalvagwardjati permezz tal-Artikoli 3, 6, 8 u 13 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet Fondamentali tal-Bniedem kif protetti mill-Kap 319 tal-Liġijiet ta' Malta u l-Artikoli 36 u 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Artikoli 3, 4, 8 u 47 tal-Karta tad-Drittijiet Fondamentali tal-Unjoni Ewropea.

3. Sussegwentement, fid-19 ta' Ġunju 2023, l-istess rikorrenti ressqu rikors permezz ta' liema huma talbu li jiġi sospiż it-trasferiment ta' wieħed mir-rikorrenti, Muktar Usman, lejn l-Awstrija sakemm tiġi deċiża l-kawża kostituzzjonali quddiem l-Ewwel Qorti. Dan ir-rikors tressaq fl-atti tal-istess kawża kostituzzjonali:

> "*Għaldaqstant, ghar-raġunijiet premessi, u għal dawk ir-raġunijiet li ser jirriżultaw mill-provi, ir-rikorrenti jitolbu bir-rispett li din l-Onorabbili Qorti jogħgoba tordna, bħala interim order, is-sospenzjoni tat-trasferiment tar-rikorrent MUKTAR USMAN lejn l-Istal Membru tal-Awstrija, pendenti l-proċeduri fejn l-istess rikorrenti qed jallegaw vjolazzjoni tad-drittijiet fondamentalitagħhom kif kontemplat fil-premessi u fir-talbiet tar-rikors promotur 321/23 intavolat fit-13 ta' Ġunju 2023, u taghti kull ordni u provvediment ieħor li jidhrilha xieraq.*"

4. L-Ewwel Qorti, permezz ta' digriet tal-10 ta' Lulju 2023, ċaħdet ir-rikors għall-ħruġ ta' tali ordni '*interim*' u saħqet:

> "*Dan huwa rikors ghall-hrug ta' ordni 'interim' biex, pendenti precedivi dwar ksur ta' drittijiet fundamentali u ksur ta' ligijiet ohrajn, jigi sospiz it-trasferiment tar-rikorrent fejn l-Awstrija akkuzi ta' Dublin Transfer.*
>
> *Illi 'interim orders' jinhargu  b'mod ristrett meta (1) ikun hemm dritt prima facia u (2) ikun hemm periklu ta' hsara ireparabbli. Dawn il-kondizzjonijiet huma kumulattivi.*
>
> *Illi permezz tat-trasferiment lejn Awstrija, ir-rikorrent mhux sejjer ikun deportat lejn in-Nigerja fejn jallega li jista jigi torturat u sahansitra maqtul. Lsnjanza bhal din lista' dejjem titresaq quddiem il-Qrati tal-Awstrija jekk dawn jigu biex jiddepozitaw lir-rikorrent lejn in-Nigerja.*
>
> *Ghaldaqstant il-Qorti qiegheda tichad it-talba tar-rikorrent hja; provezzjoni 'interum'.*"

5. Nhar it-18 ta' Lulju 2023, ir-rikorrenti ressqu rikors *ai termini* tal-Artikolu 229(3) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta fejn talbu l-permess speċjali sabiex jappellaw mid-digriet tal-Ewwel Qorti tal-10 ta' Lulju 2023:

> "*Għaldaqstant, u għar-rapunijiet premessi, kif ukoll għar-raġunijiet oħra li ser jitressqu waqt is-smiegħ tal-partijiet, l-esponenti jitolbu bir-rispett li din l-Onorabbili Qorti tagħtipermess speċjali sabiex ir-rikorrenti ikunu jistgħu jappellaw mid-digriet tagħha tal-10 ta' Lulju 2023 fejn ġiet michuda talba ta' interim order għas-sospenzjoni ta' trasferiment tar-rikorrent Muktar Usman lejn l-Awstria, pendienti il-proċeduri quddiemha fejn qed jintlaba rimedju għal leżjoni ta' drittijiet fondamentali tar-rikorrenti, u dan skond kif provdut f'Artikolu 229 (3) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta.*"

6. L-Ewwel Qorti, permezz ta' digriet tas-16 ta' Awwissu 2023, li r-rikorrenti jgħidu ġew notifikati bih elettronikament nhar il-21 ta' Awwissu 2023, ċaħdet it-talba:

> "*Regghet rat ir-rikors ta' Muktar Usman tat-18 ta' Lulju 2023.*
>
> *Rat ir-risposta.*
>
> *Billi m'hemmx raguni l-ghala ghandu jinghata permess specjali biex issir appell f'dan l-istadju.*
>
> *Tichad it-talba.*"

7. Nonostante d-digriet tas-16 ta' Awwissu 2023, ir-rikorrenti

intavolaw l-appell odjern nhar it-22 ta' Awwissu 2023. Ir-rikorrenti, fir-rikors odjern, jagħtu riassunt tal-azzjoni mressqa minnhom u r-raġunijiet l-għala tressaq ir-rikors għall-ħruġ ta' ordni '*interim'.* Fl-istess rikors huma jgħidu li ħassuhom aggravati mid-deċiżjoni tal-Ewwel Qorti tas-16 ta' Awwissu 2023 meta l-Ewwel Qorti ma tatx permess speċjali li jsir appell. Huma jibnu dan l-appell fuq żewġ aggravji (i) li appelli minn rimedji temporanji u mmedjati huma appellabbli u ma jistgħux ikunu imxekkla mill-Ewwel Qorti (ii) rimedji temporanji u mmedjati jimmeritaw li jiġu milqugħa stante li l-preġudizzju huwa serju u rreparabbli.

**Konsiderazzjonijiet**

8. L-azzjoni li wasslet għal dan l-appell kien ir-rikors tad-19 ta' Ġunju 2023 permezz ta' liema ġie mitlub il-ħruġ ta' ordni '*interim'*. Wara li l-Ewwel Qorti ċaħdet dik it-talba, ir-rikorrenti ressqu rikors ai termini tal-Artikolu 229(3) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta permezz ta' liema talbu li jingħataw permess mill-Ewwel Qorti sabiex jitressaq appell quddiem il-Qorti Kostituzzjonali. Dan il-permess ġie rifjutat. Wara li dan il-permess ġie rifjutat ir-rikorrenti ressqu dan l-appell.

9. Din il-Qorti tmur dritt għall-punt u tgħid li l-appell imressaq huwa inammissibbli. Id-deċiżjoni rigward il-ħruġ ta' ordni '*interim'* imressqa fl-atti ta' kawża kostituzzjonali taqa' fil-parametri ta' digriet interlokutorju. Fil-każ odjern japplika s-subinċiż 3 tal-Artikolu 229 tal-Kap 12. Dan l-artikolu ma jippermettix li jsir appell minn digriet interlokutorju quddiem il-Qorti

Kostituzzjonali qabel is-sentenza definittiva tal-Ewwel Qorti jekk l-Ewwel Qorti ma tagħtix permess speċjali sabiex isir l-istess appell. Essenzjalment ir-rikorrenti njoraw kemm it-tali provediment u anke d-digriet mogħti mill-Ewwel Qorti. Konsegwentement dan l-appell ma setax jitressaq, huwa inammissibbli u l-mertu tiegħu mhux ser jiġi kkunsidrat.

10. Illi sabiex waslet għal dan il-Qorti kkunsidrat illi t-talba għall-ħruġ ta' ordni '*interim',* li saret quddiem l-Ewwel Qorti, saret fl-atti ta' kawża kostituzzjonali intiża sabiex tiddetermina jekk seħħitx leżjoni tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti. Konsegwentement kwalunkwe deċiżjoni mogħtija minn dik il-Qorti, fil-mori ta' dawk il-proċeduri u li mhix is-sentenza finali jew xi sentenza parzjali, għandha taqa' fil-parametri ta' digriet interlokutorju. Forsi argument simplistiku iżda wieħed li jsegwi l-loġika li sentenza hija mistennija biss li tingħata fuq dik it-talba li fuqha tkun mibnija kawża u fuq dawk l-eċċezzjonijiet li jistgħu joqtlu l-azzjoni, konsegwentement kwalunkwe deċiżjoni oħra ser taqa' fil-parametri ta' digriet.

**11. Illi kienu r-rikorrenti stess li ressqu r-rikors għall-permess speċjali sabiex jitressaq appell skont l-Artikolu 229 (3) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta, liema artikolu qiegħed jiġi riprodott hawn:**

> "*(3) Ħlief kif provdut speċifikatament mod ieħor f'dan il-Kodiċi, appell minn kull digriet interlokutorju ieħor li mhuwiex inkluż fis-subartikoli (1) u (2) jista' jsir biss qabel is-sentenza definittiva jekk il-qorti li tkun qed tittratta l-każ tagħti permess speċjali sabiex dan isir, liema permess għandu jintalab b'rikors li jiġi preżentat fi żmien għaxart ijiem mill-jum meta d-digriet jinqara bil-miftuħ fil-qorti. Il-qorti, wara li tkun semgħet lill-partijiet, tista' tilqa' li jsir dan l-appell jekk jidhrilha li jkun aħjar u ġust*

> *li l-kwistjoni tinġieb quddiem il-Qorti tal-Appell qabel ma tingħata s-sentenza definittiva u t-terminu biex jiġi preżentat tali appell għandu jibda jgħaddi mid-data tad-digriet li bih il-Qorti tkun laqgħet li jsir dak l-appell.*"

Dan is-subinċiż ċarament jipprovdi illi sabiex isir appell qabel is-sentenza definittiva jrid jingħata l-permess speċjali mill-Qorti. Fil-każ odjern u kif jixhed id-digriet tas-16 ta' Awwissu 2023, dan il-permess ma ngħatax. **Illi din l-azzjoni hija b'hekk konsegwenza tat-triq proċedurali li qabdu u wara li talbu l-permess għall-appell, u dan ġie rifjutat, ma jistgħux issa jgħidu li dak il-permess ma setax jiġi rifjutat.**

12. Ma jeżistu l-ebda regoli speċjali oħra fir-rigward ta' digrieti (u appelli relatati) mogħtija mill-qrati ta' sede kostituzzjonali u b'hekk skont ir-regolament 7 tal-Liġi Sussidjarja 12.09 għandu japplika l-Artikolu 229 tal-Kap 12:

> "*Barra minn dak li huwa maħsub mod ieħor f'dawn ir-regoli, id-disposizzjonijiet tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "il-Kodiċi", u ta' kull leġislazzjoni sussidjarja magħmula bis-saħħa tal-Kodiċi għandhom japplikaw mutatis mutandis għal proċedimenti quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili u l-Qorti Kostituzzjonali imsemmija fir-regola 2.*"

13. Din il-Qorti hi tal-fehma li s-subinċiż 4 tal-Artikolu 46 tal-Kostituzzjoni ta' Malta, li jaqra:

> *"(4) Kull parti fi proċeduri miġjuba quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili skont dan l-artikolu jkollha dritt ta' appell quddiem il-Qorti Kostituzzjonali.*"

u l-Artikolu 229 tal-Kap 12 ma jmorrux kontra xulxin stante li dak li jagħmel l-Artikolu 229 huwa li jipprovdi fuq 'meta' jista' jsir appell minn digriet. Dan

mhux xi provediment fieragħ, l-għan tiegħu huwa li l-proċeduri, speċjalment dawk kostituzzjonali li huma ta' natura urġenti, ma jittawlux bla bżonn.

14. Sussegwentement l-appell huwa inammissibli stante li r-rikorrenti ma setgħux jinterponu appell minn digriet interlokutorju li jaqa' fil-parametri tas-subinċiż 3 tal-Artikolu 229 tal-Kap 12 meta l-permess speċjali ssenjalat fl-istess provediment ma ngħatax mill-Ewwel Qorti.

15. Ta' relevanza hija d-deċiżjoni fl-ismijiet **Repubblika (VO1670) v. L-Avukat tal-Istat** mogħtija minn din il-Qorti nhar l-24 ta' Novembru 2022[1] li tiġbor fiha l-kunsiderazzjonijiet hawn magħmula:

> *"**9. Fl-ewwel lok il-Qorti tosserva li ordni bħal dik li tat l-Ewwel Qorti fid-19 ta' Ottubru 2022 mhijiex sentenza iżda digriet interlokutorju.** Iż-żewġ sentenzi li tat din il-Qorti u li saret referenza għalihom mill-partijiet, jagħmluha ċara li l-ordni hi digriet interlokutorju.*
>
> *10. **Jibqa' digriet interlokutorju irrispettivament jekk it-talba għall-miżura proviżorja tkunx saret fir-rikors promotur li bih l-attur jiftaħ il-kawża jew tkunx saret talba ad hoc waqt is-smigħ tal-kawża (emfażi miżjud).** Fil-każ in eżami t-talba saret fir-rikors promotur (ara paragrafu 3 tat-talbiet fir-rikors).*
>
> *11. M'hemmx dubju li hemm dritt ta' appell minn digrieti interlokutorji. Il-kwistjoni hi dwar jekk sabiex isir appell fil-pendenza tas-smigħ tal-kawża, kienx hemm bżonn li l-ewwel l-Avukat tal-Istat jitlob il-permess tal-ewwel qorti.*
>
> *12. Appelli minn digrieti interlokutorji huma regolati mill-Art. 229 tal-Kap. 12. Dispożizzjoni li tapplika wkoll f'kawzi li jsiru taħt l-Art. 46 tal-Kostituzzjoni u l-Art. 4 tal-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropea (Kap. 319*

[1] Rikors numru 472/22/1 ISB

*tal-Liġijiet ta' Malta). Skont regola 7 tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 12.09:*

*13. Il-fatt li Art. 4 tal-Kap. 319 u Art. 46 tal-Kostituzzjoni jagħtu dritt ta' appell quddiem il-Qorti Kostituzzjonali fi proċedimenti li jsiru skont dawk id-dispożizzjonijiet, l-Art. 229 tal-Kap. 12 xorta japplika għal dak li għandu x'jaqsam mal-proċedura.*

*14. Peress li dan it-tip ta' digriet interlokutorju ma jissemmiex f'Art. 229(1) u (2) tal-Kap. 12, skont sub-inċiż (3) tal-istess dispożizzjoni appell jista' jsir qabel is-sentenza finali biss bil-permess tal-qorti li tkun tatu.*

*15. F'dan il-każ id-deċiżjoni appellata ngħatat fid-19 ta' Ottubru, 2022. Fil-21 ta' Ottubru 2022 l-Avukat tal-Istat talab permess lill-Ewwel Qorti sabiex jappella minn dak il-provvediment. B'digriet mogħti fis-7 ta' Novembru 2022 l-Ewwel Qorti tat permess lill-Avukat tal-Istat sabiex jappella. Fl-10 ta' Novembru 2022 l-Avukat tal-Istat ippreżenta l-appell. B'hekk l-appell hu validu għaliex sar fit-terminu tas-sitt (6) ijiem mid-digriet tal-10 ta' Novembru 2022 (art. 229(3) tal-Kap. 12).*

*16. Għaldaqstant, tiċħad l-eċċezzjoni ta' nullità li tat l-appellata"*

16. Jiġi osservat ukoll illi tressaq l-argument li dan l-appell qed isir dirett minn dak id-digriet tal-10 ta' Lulju 2023, li permezz tiegħu l-Ewwel Qorti ċaħdet it-talba għall-ħruġ ta' rimedju '*interim'* u ssir referenza wkoll għall-kawża **Ryan Briffa v. Avukat Ġenerali**[2]. Madankollu u kif diġà ġie osservat, ir-rikorrenti qabdu triq oħra minn dik it-triq li qabad l-attur f'dik il-kawża meta talbu permess speċjali biex jappellaw mid-digriet tal-10 ta' Lulju 2023 skont l-Artikolu 229(3) tal-Kap. 12. B'żieda ma' dan hu llum paċifiku li appelli ta' din ix-xorta jridu jsiru skont dak l-artiklu biss.

[2] Appell Civili Numru. 83/2012/1 – Deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali nhar it-13 ta'Ġunju 2013

**Decide**

17. Għal dawn il-motivi l-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tiddikjara l-istess appell bħala null u tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tiegħu. L-ispejjeż tal-appell jitħallsu mir-rikorrenti.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Giannino Caruana Demajo<br>Imħallef | Anthony Ellul<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
gr